L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | 28 ta' Awwissu 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida biss għall-eżaminaturi u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

Kandidati assenti għandhom jiġu mmarkati 'abs'.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika:**

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett.

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**(Total: 4 marki)**

b. **L-Espressjoni:**

- l-użu ta' Malti idjomatiku;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

**(Total: 6 marki)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

**Il-vot mas-sittax-il sena fl-elezzjoni ġenerali**

Fl-**elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali**, iż-żgħażagħ ta' sittax-il sena jistgħu jivvutaw. Din id-deċiżjoni ttieħdet bi **qbil bejn il-partiti politiċi** u ntlaqgħet tajjeb mill-Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ.

Fl-**elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew** se jivvutaw iż-żgħażagħ ta' sittax-il sena ukoll. Din id-deċiżjoni ntlaqgħet tajjeb mill-partiti politiċi u mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

- Hemm min jgħid li hemm **differenza kbira** bejn elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u elezzjoni ġenerali jew elezzjoni tal-Parlament Ewropew; iżda hemm min ma jarax differenzi importanti bejniethom, għax il-vot f'dawn l-elezzjonijiet kollha jitlob dik li ħafna nies isejħu "**maturità politika**".
- Meta beda d-**dibattitu** dwar il-vot taż-żgħażagħ ta' sittax-il sena, tqanqlet il-kwistjoni tal-maturità. X'inhi għalik il-maturità? U x'inhi l-maturità politika?
- Ħafna nies, fosthom iż-żgħażagħ stess, isemmu l-ħtieġa li ż-żgħażagħ ikunu ppreparati għal din ir-**responsabbiltà ċivika** ġdida.
- Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ qed jgħid li dan id-dritt tal-vot għaż-żgħażagħ ta' sittax-il sena għandu jintrabat mad-dħul tas-**suġġett tal-edukazzjoni ċivika fl-iskejjel**, biex iż-żgħażagħ ikunu aktar ippreparati
- Taħseb li ta' sittax, iż-żgħażagħ ikunu f'**fażi tal-iżvilupp tagħhom** li jgħinhom biex **jinteressaw ruħhom** f'dak li qed iseħħ fl-isfera politika?
- Hemm min jgħid li jekk joħorġu jivvutaw ta' sittax, iż-żgħażagħ għandhom iktar **tendenza li jivvutaw bħall-ġenituri** tagħhom.
- Oħrajn jemmnu li ta' sittax, iż-żgħażagħ mhumiex differenti minn persuni oħrajn li **jivvutaw kif jidhrilhom huma**, ta' adulti indipendenti.
- Jista' jkun li f'dik l-età, iż-żgħażagħ iktar ikunu jridu **jivvutaw bħal sħabhom** milli bħal qrabathom.
- Persuna tista' tkun **matura f'qasam imma mhux f'qasam ieħor**? Ngħidu aħna matura fl-istudju imma mhux fl-għażliet politiċi?

**Il-vizzju tal-logħob bil-kompjuter**

L-**Għaqda Dinjija tas-Saħħa** tgħid li meta bniedem jinħakem għalkollox mil-logħob tal-kompjuter ikun qed isofri minn **marda mentali**.

- Din il-marda mentali tista' tagħmillu **ħafna ħsara fil-ħajja personali u soċjali** tiegħu u fuq il-post tax-xogħol.
- Id-distinzjoni **bejn vizzju u marda**.
- L-esperti jgħidu li meta nilagħbu, bħal meta nużaw is-siti soċjali, nirċievu **doża ta' pjaċir** mill-kimika "*dopamine*". Iżda **l-ferħ** minn dan il-pjaċir **ma jdumx wisq**.
- Jekk ma nikkontrollawx kemm nilagħbu, dan it-tip ta' logħob **jista' jsir vizzju** li ma jkollniex kontroll fuqu, tfittxija kontinwa għal dik id-doża ta' pjaċir.
- Din hija marda li persuna tgħixha waħedha u jista' jkun li **ħaddieħor ma jkunx jaf biha**.

- **Taf nies** li għandhom din il-marda, jew li jqattgħu wisq ħin jilagħbu l-logħob fuq il-kompjuter jew apparati simili?
- Dawk li jinħakmu minn dan it-tip ta' logħob jispiċċaw iqattgħu ħafna ħin waħedhom, **jinqatgħu mill-familja u mill-ħbieb**, ma jagħmlux ix-xogħol li suppost jagħmlu jew ma jistudjawx...
- **Iż-żgħażagħ** hemm iktar ċans li jimirdu b'dan il-mod mill-adulti u x-xjuħ? Jew din il-kundizzjoni mhix marbuta ma' età jew fażi partikulari tal-ħajja?
- **Kif tista' tgħin** bniedem li jsib ruħu maħkum minn dan il-vizzju?
- Fil-fehma tiegħek, **marda bħal din tiġi minħabba** nuqqas ta' ħbieb jew ħajja soċjali?
- **L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa** tgħid li din il-marda marbuta mal-logħob tidher fil-fatt li min jilgħab ma jkunx jista' jikkontrolla kemm jagħmel ħin jilgħab u b'liema intensità jilgħab.
- Hemm **effetti pożittivi** f'dan il-logħob?

**Is-sistema tal-punti bħala penalità fis-sewqan**

- Dan l-aħħar daħlet **sistema ġdida ta' punti** għas-sewwieqa kollha f'Malta u Għawdex.
- It-telf tal-punti **ma jiħux post iċ-ċitazzjonijiet** u l-multi xorta se jibqgħu jingħataw.
- L-iskop tas-sistema tal-punti hu li **tippenalizza lis-sewwieqa li jipperikolaw** il-ħajja ta' ħaddieħor bis-sewqan u bil-vettura tagħhom.
- **Il-kastig il-kbir** huwa li jekk is-sewwieqa jitilfu tnax-il punt f'sena, ma jkunux jistgħu jsuqu għal xahrejn sħaħ.
- Jidher li s-sistema l-ġdida tal-penali **ġiegħlet lil ħafna nies joqogħdu aktar attenti** kif isuqu.
- Donnu **l-biża'** li persuna ma tkunx tista' ssuq għal xahrejn huwa l-iktar mod effettiv kif jitrażżnu l-abbużi fit-toroq.
- **Dak li m'għamlux l-edukazzjoni u s-sens ċiviku** qed tagħmlu s-sistema tat-tnaqqis tal-punti.
- Bis-sistema l-ġdida, il-punti jintilfu l-iżjed jekk is-sewwieqa jinqabdu qed jużaw il-**mobile** huma u jsuqu, jew bil-**headphones** f'widnejhom it-tnejn.
- Is-sewwieqa jitilfu ħafna punti wkoll jekk ikollhom inċident u **jibqgħu għaddejjin**.
- Infrazzjoni oħra li ttellef ħafna punti hija s-sewqan taħt l-influwenza tax-**xorb** jew id-drogi.
- Sewqan **b'veloċità ikbar milli suppost** ukoll itellef ħafna punti.
- Taħseb li din is-sistema se **timponi dixxiplina falza**?
- Kont tippreferi kieku l-Maltin tgħallmu **d-dixxiplina fis-sewqan** għax għandhom rispett lejn ħaddieħor?
- Jew sistema bħal din tgħallimna lkoll **id-dixxiplina**?
- Is-sistema tal-punti fis-sewqan teżisti **f'ħafna pajjiżi** u aħna qed nitgħallmu mill-esperjenza ta' dawn il-pajjiżi.
- Iktar ma jiżdiedu nies u karozzi f'Malta u iktar ma jonqos l-ispazju, iktar se jkollna **bżonn regoli stretti**.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | 28 ta' Awwissu 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-vot mas-sittax-il sena fl-elezzjoni ġenerali

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22ok.18s

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | 28 ta' Awwissu 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-vizzju tal-logħob bil-kompjuter

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | 28 ta' Awwissu 2018 |
| ĦIN: | 10 minuti |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

# Is-sistema tal-punti bħala penalità fis-sewqan

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 31 ta' Awwissu 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI**

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Aħna ngħixu f'soċjetà li tridna nixtru l-ħin kollu.
2. Il-fotografija: id-dinja minn angolu differenti.
3. Ma tistax tirbaħ dejjem.
4. Il-bżonn li ninbidlu.
5. Il-marda soċjali tal-mobile.
6. Xi kultant l-iktar nies li nħobbu huma l-iktar nies li jweġġgħuna.

**(Total: 30 marka)**

**TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Skont Ġorġ Doublesin, "meta s-sens ta' kelma jinbidel, ma sseħħx xi bidla bl-addoċċ." Uri kif il-bdil fit-tifsir nistgħu nikklassifikawh f'tipi differenti skont erba' kawżi ewlenin.
2. "L-istorja ta' lsienna tgħallimna li, minkejja li kien f'kuntatt għal sekli sħaħ ma' ilsna oħra u minkejja l-istatus inferjuri li kellu, il-Malti nbidel, żviluppa u adatta ruħu skont iċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom." Iddiskuti din l-istqarrija ta' George Farrugia.
3. Iddiskuti fid-dettall mhux anqas minn ħames mekkaniżmi morfoloġiċi li permezz tagħhom insawru l-kliem.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Huma u jitkellmu dwar ġrajjiet marbutin mal-ġens Malti, il-poeti rrakkontaw il-ġrajja kemm tal-ġemgħa tal-poplu kif ukoll ta' personaġġi individwali.

2. Il-poeti Maltin ta' qabel u ta' wara l-Indipendenza kitbu dwar ir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja u bejn il-maħbubin. Kif jesprimu l-qrubija u t-tensjoni f'dawn ir-relazzjonijiet?

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hemm karattri rġiel interessanti li jqanqlu diskussjoni, bħal Leli, is-Sur Kelin u Dun Karm, iżda l-karattri nisa, speċjalment Rożi, Vira u Klara, donnhom mhumiex żviluppati u huma mibnijin fuq mudelli stabbiliti. Taqbel ma' din l-analiżi? Dan jgħodd ukoll għas-Sa Marjann?

2. X'sehem għandhom ir-realtajiet soċjali u l-avvenimenti storiċi fl-iżvilupp tar-rakkont ta' Leli fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer? Taħseb li jħallu effett kbir fuq l-istorja individwali ta' Leli?

3. Oliver Friggieri jgħid li fit-tieni att tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, il-bidla fil-protagonista "tibda tinħass sewwa", għax "waqt li qabel kien iżolat issa jħossu li sar, jew kellu jsir, parti mis-soċjetà. Fil-fatt Menz sar egoċentriku u kull ħaġa li qiegħda sseħħ madwaru jinterpretaha b'riferenza għalih innifsu." Taqbel ma' din l-interpretazzjoni? X'dawl tixħet din l-imġiba ta' Menz fuq tmiem id-dramm?

4. Fl-aħħar mill-aħħar, id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer jirrakkonta l-ġrajja ta' bnedmin li qed ifittxu l-hena. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**